**A.L. XX tal-2024**

## ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT

## (KAP.549)

### Regolamenti tal-2024 dwar ir-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur (Filtri tat-Tabakk li fihom il-Plastik)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att Dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-Ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**Titolu.**

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti tal-2024 dwar ir-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur (Filtri tat-Tabakk li fihom il-Plastik), 2024.

**Skop.**

**2.** (1) Dawn ir-regolamenti jagħtu effett lill-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent, fir-rigward ta' prodotti tat-tabakk bil-filtri u filtri mqiegħda fuq is-suq għalużu flimkien mal-prodotti tat-tabakk.

**L.S. 549.43.**

**L.S. 549.63.**

**L.S. 549.141.**

(2) F'każ li xi dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti huma f'kunflitt mad-dispożizzjonijiet fir-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart, ir-Regolamenti dwar l-Iskart jew ir-Regolamenti dwar Qafas ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur, dawn ir-regolamenti għandhom jipprevalu.

**Tifsir.**

**3.** F'dawn ir-Regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

**Kap. 549.**

"Att" tfisser l-Att Dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent;

"Awtorità" jew "awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi kif stabbilita fl-Artikolu 6 tal-Att;

**Kap. 595.**

"Dipartiment" tfisser id-Dipartiment għll-Gvern Lokali hekk kif stabbilit fit-Tieni Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika;

**Kap. 595.**

"Diviżjoni" tfisser id-Dipartiment ta' Tindif u Manutenzjoni hekk kif stabbilit fit-Tieni Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika;

**L.S. 549.63.**

"ġbir" għandu jkollha l-istess tifsira  kif mogħtija lilhaf'regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Iskart;

**L.S. 549.141.**

"organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha f'regolament 3 tar-Regolamenti dwar Qafas ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur;

**L.S. 315.10.**

"prodotti tat-tabakk" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha f'regolament 2 tarr-Regolamenti dwar il-Manifattura, Preżentazzjoni u Bejgħ tat-Tabakk u Prodotti Relatati;

"produttur" tfisser:

**L.S. 378.17.**

(a) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita f'Malta li timmanifattura jew timporta professjonalment, irrispettivament mit-teknika tal-bejgħ użata, inkluż permezz ta' kuntratti mill-bogħod kif definiti fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, u li tqiegħed fis-suq ta' Malta l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma elenkati fl-Iskeda 1; jew

**L.S. 378.17.**

(b) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fi Stat Membru wieħed jew f'pajjiż terz li professjonalment tbiegħ f'Malta direttament lil djar privati jew lil utenti għajr djar privati, permezz ta' kuntratti mill-bogħod kif definit fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma elenkati fl-Iskeda 1;

**L.S. 549.63.**

"skart" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha f'regolament 4 tar-Regolamenti dwarl-Iskart;

**L.S. 549.63.**

"trattament" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Iskart;

**L.S. 549.149.**

It-tifsir "tqegħid fis-suq", "plastik", "produttur" u "prodott tal-plastik li jintuża darba biss" għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom f'regolament 3 tar-Regolamenti dwar Qafas għall-Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss.

**Responsabbiltà estiża tal-produttur**

**L.S. 549.141.**

**4.** (1) Produtturi li jqiegħdu fuq is-suq Malti l-prodotti tal-plastik li jintuża darba biss u li huma elenkati fl-Ewwel Skeda, għandu jkollhom responsabbiltà estiża tal-produttur skont ir-Regolamenti dwar Qafas tar-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur.

(2) Produtturi stabbiliti fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u li jqiegħdu plastik li jintuża darba biss fuq is-suq Malti għandhom jappuntaw persuna ġuridika jew fiżika stabbilita f'Malta bħala rappreżentant awtorizzat għall-finijiet tat-twettiq tal-obbligi tagħhom li jirrigwardaw ir-responsabbiltà estiża tal-produttur: Iżda din il-ħatra għandha ssir permezz ta' mandat bil-miktub hekk kif provdut fit-Tieni Skeda.

(3) Produtturi stabbiliti f'Malta li jbiegħu prodotti magħmula minn plastik li jintuża darba biss fi Stat Membri oħrajn fejn il-produttur mhuwiex stabbilit, għandhom jappuntaw rappreżentant awtorizzat f'dak l-Istat Membru. Ir-rappreżentant awtorizzat għandu jkun il-persuna responsabbli għat-twettiq tal-obbligi ta' dak il-produttur skont dawn ir-regolamenti fit-territorju ta' dak l-Istat Membru.

**L.S. 549.149.**

**L.S. 549.141.**

(4) Produtturi ta' prodotti magħmula bil-plastik li jintuża darba biss u li huma elenkati fl-Ewwel Skeda għandhom ikopru mill-inqas dawn l-ispejjeż:

(a) l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu għarfien stabbiliti f'regolament 12 tar-Regolamenti dwar Qafas għall-Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss;

(b) l-ispejjeż biex jitnaddaf ir-rimi bl-addoċċ li jirriżulta minn dawk il-prodotti u t-trasport u t-trattament sussegwenti ta' dak ir-rimi bl-addoċċ;

(ċ) l-ispejjeż tal-ġbir u r-rappurtar ta' data skont is-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (a) tas-subregolament (3) ta' regolament 6 tar-Regolamenti dwar Qafas ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur; (d) l-ispejjeż għall-ġbir ' skart għal dawk il-prodotti li huma mormija fis-sistemi ta' ġbir pubbliku, inkluż l-insfrastruttura u l-operat tagħha, u t-trasport u t-trattament sussegwenti ta' dak l-iskart. L-ispejjeż jistgħu jinkludu t-twaqqif ta' infrastruttura speċifika għal ġbir tal-iskart ta' dawk il-prodotti, bħal reċipjenti tal-iskart f'postijiet komuni ta' skart.

(5) Sabiex jinkisbu l-objettivi ta' dan ir-regolament b'mod kosteffiċjentie, produtturi u rappreżentanti awtorizzati għandhom iwettqu l-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur kollettivament u, għal dak il-għan, għandhom iwaqqfu organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur li għandha tkun awtorizzata skont ir-regolament 7, li tkopri l-prodotti magħmula minn plastik li jintuża darba biss hekk kif elenkati fl-Ewwel Skeda u t-territorju kollha ta' Malta. Tali organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur għandha tħalli lil produtturi u rappreżentanti awtorizzati kollha jwettqu l-obbligi tar-responsabbiltà tal-produttur taħt kundizzjonijiet mhux diskriminatorji:

Iżda sakemm l-organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur tiġi mwaqqfa u awtorizzata skont ir-regolament 7, jew jekk għal perjodu ta' żmien mhemm l-ebda PRO awtorizzata, l-Awtorità tista' talloka l-ispejjeż taħt is-subregolament (4) lill-produtturi skont ir-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti u s-sehem tagħhom fuq is-suq:

Iżda wkoll f'dawk il-każijiet l-Awtorità tista' tikkummissjona studji, bl-ispejjeż għall-produtturi, biex tikwantifika dawn l-ispejjeż jew parti minnhom.

(6) Sabiex tkopri l-ispejjeż imniżżla f'paragrafu (a) tas-subregolament (4) għan-nom tal-produtturi tagħha, organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur għandha torganizza u, jew tiffinanzja kampanji ta' informazzjoni effettivi u miżuri li jqajmu għarfien sabiex tinċentivizza mġieba responsabbli tal-konsumatur u tinforma l-konsumaturi skont ir-regolament 12 tar-Regolamenti dwar Qafas ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur:

Iżda f'każ li organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur tiffinanzja kampanji organizzati minn entitajiet oħra, l-ispejjeż li għandhom jiġu koperti minn dik l-organizzazzjoni għandhom jiġu kkalkulati mill-atturi involuti kollha b'mod trasparenti:

Iżda wkoll dawn il-kampanji għandhom ikunu soġġetti għall-awtorizzazjoni minn qabel mill-Awtorità.

(7) Sabiex tkopri l-ispejjeż taħt paragrafi (b) u (d) tassubregolament (4) għan-nom tal-produttur tagħha, organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur għandha tagħmel l-arranġamenti neċessarji permezz ta' ftehim bil-miktub mad-Diviżjoni u d-Dipartiment għall=:

(a) finanzjament ta' reċipjenti tal-iskart adegwati għal prodotti magħmula minn plastik li jintuża darba biss elenkati f l-Ewwel Skeda fit-territorju ta' Malta, partikolarment f'postijiet komuni ta' rimi bl-addoċċ, liema spejjeż għandhom jinkludu l-infrastruttura u l-operat tagħha, u t-trasport u trattament sussegwenti ta' dak ir-rimi bl-addoċċ; u

(b) finanzjament tat-tindif tar-rimi bl-addoċċ li jirriżulta minn prodotti magħmula minn plastik li jintuża darba biss elenkati fl-Ewwel Skeda u t-trasport u trattament sussegwenti ta' dak ir-rimi bl-addoċċ:

Iżda dawn il-ftehim bil-miktub għandhom jistabilixxu *inter alia* t-termini għall-eżekuzzjoni tal-pagamenti tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur. Dawn it-termini għandhom jiġu notifikati lill-Awtorità fi żmien xahar (1) mill-konklużjoni tal-imsemmi ftehim.

(8) L-ispejjeż imsemmija fis-subregolament (7) m'għandhomx jeċċedu l-ispejjeż neċessarji sabiex jiġu pprovduti dawk is-servizzi b'mod kosteffiċjenti u għandhom jiġu kkalkulati b'mod trasparenti bejn l-Awtorità, l-organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur relevanti, id-Diviżjoni u, jew id-Dipartiment, u kwalunkwe attur ieħor ikkonċernat:

Iżda l-ispejjeż msemmija fis--subregolament (7)(b) għandhom ikunu limitati għall-attivitajiet meħuda mill-Kunsilli Lokali, id-Diviżjoni jew għan-nom tagħhom:

Iżda wkoll il-metodu ta' kalkolu għandu jiġi żviluppat b'mod li jalloka għall-ispejjeż ta' tindif ta' rimi bl-addoċċ li għandhom jiġu stabbiliti b'mod proporzjonat, jieħu in kunsiderazzjoni l-proposti tal-kalkolu ta' dawn l-ispejjeż sottomessi lill-Awtorità skont ir-regolament 7 u kwalunkwe linji-gwidi ppublikati mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva (UE) 2019/904. Sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż amminstrattivi, l-Awtorità f'kooperazzjoni mad-Dipartiment u d-Diviżjoni jistgħu jiddeterminaw kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-ispejjeż ta' tindif ta' rimi bl-addoċċ billi jistabbilixxu ammonti fissi multiannwali xierqa.

**Reġistrazzjoni tal-produtturi.**

**5.** (1) Produtturi jew rappreżentanti awtorizzati ta' prodotti magħmula minn plastik li jintuża darba elenkati fl-Ewwel Skeda li jqiegħdu dawn il-prodotti fuq is-suq Malti, għandhom japplikaw biex ikunu reġistrati mal-awtorità kompetenti u dawn għandhom jingħataw numru ta' reġistrazzjoni mar-reġistrazzjoni. Produtturi għandhom jagħmlu dan in-numru ta' reġistrazzjoni viżibbli b'mod ċar fuq il-fatturi tal-pagamenti u l-irċevuti fiskali:

**L.S 549.43.**

Iżda l-produtturi li diġà għandhom numru ta' reġistrazzjoni skont ir-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart, għandhom jingħataw numru ta' reġistrazzjoni ġdid u uniku li jidentifikahom bħala produtturi tal-ippakkjar jew ta' prodotti li jintużaw darba biss elenkati fl-Ewwel Skeda, jew produtturi ta' wieħed minn dawn, kif applikabbli:

Iżda wkoll l--Awtorità għandha tintegra din l-informazzjoni fir-reġistru ta' produtturi msemmi fir-regolament 20 tar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart.

(2) Produtturi rreġistrati skont is-subregolament (1) għandhom iġeddu r-reġistrazzjoni tagħhom mal-awtorità kompetenti,sal-31 ta' Marzu ta' kull sena:

Iżda mill-1 ta' April ta' kull sena l-awtorità kompetenti għandha taċċetta tiġdid satmiem is-sena soġġetti għall-ħlas ta' dritt addizzjonali ta' sebgħin ewro (€70) kull xahar jew parti minnu, flimkien mad-drittijiet preskritti f'paragrafu (ċ) tas-subregolament (3).

(3) Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jew tiġdid minn produttur għandha:

(a) issir *online* jew bil-miktub;

(b) tkun ffirmata minn kwalunkwe wieħed mill-firmatarji awtorizzati skont ir-Raba' Skeda; u

(ċ) tkun akkumpanjata bi dritt ta' €10 għar-reġistrazzjoni *online* jew €35 għal reġistrazzjoni manwali.

(4) Produttur m'għandux jitqies irreġistrat jew li ġedded ir-reġistrazzjoni tiegħu sakemm ma jinħariġx avviż ta' rikonoxximent mill-awtorità kompetenti, li japprova l-applikazzjoni tal-produttur għar-reġistrazzjoni jew għat-tiġdid tar-reġistrazzjoni. L-awtorità kompetenti għandha toħroġ l-avviż ta' rikonoxximent fi żmien:

(a) xahar mid-data li fiha tirċievi applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jew għat-tiġdid tar-reġistrazzjoni; jew

(b) xahar wara d-data li fiha tirċievi l-informazzjoni addizzjonali mitluba mill-awtorità kompetenti b'konnessjoni ma l-applikazzjoni, inluż il-ħlas ta' xi drittijiet, liem minnhom tkun l-aħħar.

(5) Meta produttur jieqaf milli jqiegħed prodotti magħmula minn plastik li jintuża darba biss elenkati fl-Ewwel Skeda fuq is-suq, il-produttur għandu japplika mal-awtorità kompetenti biex itemm ir-reġistrazzjoni tiegħu fis-sena ta' wara li fiha jieqaf jagħmel dan. Applikazzjoni biex tintemm ir-reġistrazzjoni għandha tkun iffirmata minn kwalunkwe wieħed mill-firmatarji awtorizzati msemmija fir-Raba' Skeda.

(6) Mingħajr preġudizzju għall-obbligi u responsabbilitajiet tal-persuna li tkun qiegħda tapplika biex ittemm ir-reġistrazzjoni tagħha relatata maż-żmien meta l-persuna kienet produttur reġistrat, l-awtorità kompetenti għandha ttemm ir-reġistrazzjoni ta' dik il-persuna b'effett mill-aħħar jum tas-sena li fiha dik il-persuna waqfet tħares l-obbligi sabiex tkun reġistrata, u għandha tinforma lil dik il-persuna bil-miktub:

Iżda kwalunke informazzjoni pendenti għandha tiġi sottomessa mill-persuna lill-awtorità kompetenti meta din tapplika biex ittemm ir-reġistrazzjoni tagħha skont is-subregolament (5).

(7) Kull produttur li jonqos milli japplika għar-reġistrazzjoni skont dawn ir-regolamenti jew li ma jġeddidx ir-reġistrazzjoni tiegħu sal-aħħar tas-sena, għandu jkun soġġett għal penali amministrattiva skont is-Seba' Skeda.

(8) Organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur tista' tirreġistra jew iġġedded ir-reġistrazzjoni tal-produttur għan-nom tiegħu, bil-kunsens tal-produttur. F'dawn il-każijiet, l-organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur għandha tkun responsabbli għall- konformità mad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, inkluż il-ħlas tal-multa amministrattiva imsemmija fis-subregolament (7), u l-Awtorità tista' tikkoopera mal-organizzazzjoni awtorizzata għar-gresponsabbiltà tal-produttur rigward tali disposizzjonijiet.

**Reġistrazzjoni u informazzjoni.**

**6.** (1) Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni skont ir-regolament 5 għandu jkollha l-informazzjoni imniżżla fil-Parti A tal-Ħames Skeda u dik għat-tiġdid għandu jkollha tal-inqas l-informazzjoni tar-rappurtar hekk kif imniżżla fil-Parti B tal-Ħames Skeda.

(2) F'każ li d-data sottomessa skont is-subartikolu preċedenti tinbidel, il-produttur, jew fejn relevanti, l-organizzazzjoni awtorizzata tar-responsabbiltà għan-nom tal-produttur, għandu jinforma lill-awtorità kompetenti b'dawn it-tibdiliet sa mhux aktar tard minn xahar wara t-tibdil.

(3) L-informazzjoni msemmija f'sub-artikolu (1) għandha tiġi sottomessa *online* jew bil-miktub u għandha tiġi ffirmata minn kwalunkwe wieħed mill-firmatarji awtorizzati msemmija fir-Raba' Skeda.

(4) Għandha tkun ir-responsabbiltà ta' produttur reġistrat li jżomm l-informazzjoni msemmija f'sub-artikolu (1) minn tal-inqas ħames (5) snin. Dawn ir-rekords għandhom ikunu magħmula disponibbli fuq talba tal-awtorità kompetenti.

(5) Meta produttur reġistrat jew, fejn relevanti, l-organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur jonqos jew jirrifjuta li jissottometti, applikazzjoni kompluta fi żmien xahar (1) mid-data ta' talba mill-awtorità kompetenti, l-awtorità kompetenti għandha tirrifjuta l-applikazzjoni.

(6) L-awtorità kompetenti tista' tikkonsidra l-problemi ta' intrapriżi żgħar u medji f'li jipprovdu *data* dettaljata.

**Awtorizzazzjoni biex topera bħala organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur.**

**L.S. 549.63.**

7. (1) Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti dwar l-Iskart, kwalunkwe persuna li għandha l-intenzjoni li topera bħala organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur biex twettaq l-obbligi imposti minn dawn ir-regolamenti, għan-nom tal-produtturi ta' prodotti magħmula minn plastik li jintuża darba biss hekk kif imniżżla fl-Ewwel Skeda għandu jkollha awtorizzazzjoni valida mingħand l-awtorità kompetenti.

(2) Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni kif msemmija f'sub-artikolu (1) għandha:

(a) tkun magħmula bil-miktub;

(b) tinkludi l-informazzjoni elenkata f'Parti A tat-Tielet Skeda;

(ċ) tkun iffirmata minn kwalunkwe firmatarju awtorizzat msemmi fir-Raba' Skeda;

(d) tkun akkumpanjata minn dritt mhux rifondibbli ta' ħames mitt euro (€500); u

(e) tkun akkumpanjata bi pjan ta' ħidma li jipprovdi l-informazzjoni msemmija f'Parti B tat-Tielet Skeda għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti.

(3) L-awtorità kompetenti tista' tispeċifika l-format li fih il-pjan ta' ħidma imsemmi fis-subregolament (2) għandu jkun disponibbli.

(4) Awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtorità kompetenti għandha tkun suġġetta għal kundizzjonijiet inklużi fl-awtorizzazzjoni stess, *inter alia*, ir-rekwiżit li s-servizzi offruti mill-organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur għandhom ikunu:

(a) miftuħa għal parteċipazzjoni tal-produtturi kollha mingħajr ebda diskriminazzjoni u tali parteċipazzjoni m'għandhiex tkun rifjutata jew revokata mingħajr ġustifikazzjoni; u

(b) imfassla sabiex jiġi evitat kwalunkwe ostakolu għall-kummerċ jew distorsjonijiet tal-kompetizzjoni skont ir-regolamenti relevanti.

(5) Awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtorità kompetenti skont dawn ir-regolamenti għandha tkun valida għal perjodu ta' żmien iddeterminat fl-awtorizzazzjoni.

(6) Meta awtorizzazzjoni mogħtija taħt is-subregolament (4) tkun waslet biex tiskadi, organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur li tixtieq tkompli topera bħala organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur għandha, sa mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni:

(a) tissottometti applikazzjoni mal-awtorità kompetenti sabiex iġġeded l-awtorizzazzjoni mogħtija taħt dawn ir-regolamenti;

(b) tagħti pjan ta' ħidma lill-awtorità kompetenti għall-operazzjoni tal-organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur liema pjan ta' ħidma irid ikun jikkonforma ma' Parti B tat-Tielet Skeda, iffirmat minn kwalunkwe wieħed mill-firmatarji awtorizzati msemmija fir-Raba' Skeda.

(7) It-tiġdid tal-awtorizzazzjoni biex titħaddem organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur għandha tkun approvata meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta bil-kontenut tal-verżjoni riveduta tal-pjan ta' ħidma provdut skont is-subregolament (6)(b).

(8) Organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur għandha tħallas id-dritt kif preskritt fis-Sitt Skeda għal kull sena operattiva.

(9) Organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur li taħdem għan-nom tal-produtturi li jqiegħdu prodotti magħmula minn plastik li jintuża darba biss fuq is-suq elenkat fl-Ewwel Skeda għandha, fi żmien erbgħa (4) xhur mill-awtorizzazzjoni, tissottometti garanzija finanzjarja skont il-kriterji tal-Awtorità, li tkopri l-ispejjeż stabbiliti fis-subregolamenti (6) u (7) tar-regolament 4 relatata ma' prodotti magħmula minn plastic li jintuża darba biss imqiegħda fuq is-suq mill-produtturi, f'każ li l-organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur tonqos milli tissodissfa dawn l-obligazzjonijiet;

Izda flus miġbuda mill-Awtorità mill-garanzija għandhom jiġu użati biex jikkontribwixxu għal finanzjar tal-attivitajiet imsemmija fis-subregolamenti (6) u (7) ta' regolament 4 relatat ma' prodotti magħmula minn plastik li jintuża darba biss imqiegħda fuq is-suq minn produtturi li huma parti minn din l-organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur.

**Informazzjoni u rappurtat.**

8. (1) Organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur għandha tissottometti rapport annwali lill-Awtorità fi żmien erba' (4) xhur mill-għeluq tas-sena preċedenti.

Ir-rapport annwali għandu jinkludi mill-inqas din l-informazzjoni:

(a) Lista ta' produtturi li pparteċipaw fl-organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur matul il-perjodu tar-rapportaġġ;

(b) Kwantitajiet ta' prodotti tal-plastik li jintuża darba biss elenkati fl-Ewwel Skeda imqiegħda fuq is-suq nazzjonali mill-produtturi li pparteċipaw f' organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur, bil-piż u bin-numru ta' oġġetti matul il-perjodu ta' raportaġġ speċifikat skond il-formati ta' rappurtar li għandhom jiġu stabbiliti mill-Awtorità;

(ċ) Kwantitajiet ta' skart wara l-konsum ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss hekk kif elenkati fl-Ewwel Skeda miġbura bħala rimi bl-addoċċ u permezz ta' sistemi ta' ġbir skond is-subregolament (7) tar-regolament 4, skont il-piż u n-numru ta' oġġetti matul il-perjodu ta' rappurtar skond il-formati ta' rappurtar li għandhom jiġu stabbiliti mill-Awtorità;

(d) Dettalji fuq l-informazzjoni u kampanji mmirati għat-trawwim tal-għarfien iffinanzjati mill-organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur skond is-subregolament (6) tar-regolament 4;

(e) Kwalunkwe informazzjoni oħra kif speċifikata mill-Awtorità.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-konfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjali jew industrijali, kopja diġitali tar-rapport annwali imsemmi fis-sub-regolament (1) għandha tkun għad-dispożizzjoni skont ir-Regolamenti dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent.

(3) L-organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produtturgħandha tagħmel użu mis-servizz ta' awditur indipendenti, approvat mill-Awtorità. L-awditur għandu jkun meħtieġ jiċċertifika li l-informazzjoni kollha irrapurtata lill-Awtorità hija konformi mal-obbligi ta' dawn ir-Regolamenti u kif hi speċifikata fl-awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità. Barra minn hekk l-organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produttur għandha tiżgura li proċedura tal-verifika li tittratta it-traċċibiltà, sorveljanza u kontroll tkun implementata sabiex tevalwa:

(a) l-immaniġġjar finanzjarju tagħha, inkluż konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fis-subregolamenti (6) u (7) ta' regolamenti 4; u

(b) il-kwalità tad-dejta miġbura u rrappurtata skont dawn ir-Regolamenti.

(4) Organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produtturgħandha tissottometti r-rapport ta' verifika preparat skont is-subregolament (3) flimkien mar-rapport annwali imsemmi fis-subregolament (1).

(5) Mingħajr preġudizzju għall-preservazzjoni tal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjalment sensittiva f'konformità mal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni Ewropea u nazzjonali, organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produtturgħandha tagħmel disponibbli pubblikament informazzjoni li tappartjeni:

(a) għas-sjieda u s-sbuħija tagħha; u

(b) il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa mill-membri tagħha għal kull unità jew tunnellata mibjugħa ta' prodotti ta' plastik li jintuża darba biss hekk kif elenkati fl-Ewwel Skeda u li huma mqegħdin fis-suq Malta.

(6) Organizzazzjoni awtorizzata għar-responsabbiltà tal-produtturgħandha wkoll tissottometti rapport kull sitt xhur lill-Awtorità fi żmien tlett xhur wara dak l-għeluq ta' dak il-perjodu, liema rapport għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni indikata fis-subregolament (1).

**Reati.**

**9.** Kwalunkwe persuna għandha tinsab ħatja ta' reat skont dawn ir-Regolamenti jekk:

(a) tonqos milli tikkonfroma ma' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-Regolamenti jew tonqos milli tikkonforma mal-kondizzjonijiet tal-permess jew xi ordni mogħtija legalment skond xi dispożizzjoni ta' dawn ir-Regolamenti; jew

(b) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew rekwiżit impost skont dawn ir-Regolamenti; jew

(ċ) taġixxi bi ksur ta' kwalunkwe dispożizzjoni ta' dawn ir-Regolamenti;

(d) tassoċja ruħha ma' xi persuna, tgħin jew tħeġġeġ lil xi persuna oħra bi kwalunkwe mezz inkluż reklamar, konsulenza jew akkwist sabiex twettaq xi ksur indikat fil-paragrafi (a) sa (ċ); jew

(e) tipprova twettaq kwalunkwe ksur indikati fil-paragrafi (a) sa (d).

**Penali.**

**10.** Kwalunkwe persuna li twettaq reat kontra dawn ir-Regolamenti għandha, meta tinsab ħatja, teħel:

(a) meta tinsab ħatja għall-ewwel darba, multa li ma teċċedix elfejn tliet mija u tletin euro (€2,330);

(b) meta tinsab ħatja għat-tieni darba jew għal-kundanni sussegwenti, multa li ma teċċedix erbat elef sitt mija u sittin euro (€4,660);

Iżda wkoll il-Qorti tista' tordna lil kull persuna li tinstab ħatja li wettqet reat kontra dawn ir-Regolamenti sabiex tħallas l-ispejjeż imġarrba mill-awtorità kompetenti bħala riżultat tal-imsemmi reat, li tirrevoka ilpermess maħruġ mill-awtorità kompetenti u li tikkonfiska l-*corpus delicti*, jekk applikabbli.

**Applikabilità tal-Kodiċi Kriminali.**

**Kap. 9.**

11. Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 23 u 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis,* japplikaw għal proċeduri fir-rigward ta' reati kontra dawn ir-Regolamenti. Madankollu, l-iskwalifika mill-ksieb jew l-għoti ta' liċenzja, permess jew awtorità fl-ebda każ m'għandu jkun għal inqas minn sena (1).

# L-EWWEL SKEDA

## PRODOTTI MAGĦMULA MINN PLASTIK LI JINTUŻA DARBA BISS KOPERTI MINN DAWN IR-REGOLAMENTI

- Prodotti tat-tabakk bil-filtri u filtri mqiegħda fuq is-suq għall-użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk.

IT-TIENI SKEDA

(Regolament 4)

DIKJARAZZJONI TA' MANDAT MIKTUB

Isem tal-produttur:

Indirizz:

b'dan jaħtar

Isem il-persuna fiżika jew ġuridika stabbilita f'Malta:

Indirizz:

, bħala rappreżentant awtorizzat tal-produttur f'Malta skont regolament 4.

Isem il-persuna fiżika jew ġuridika stabbilita f'Malta:

b'dan  jassumi r-responsabbilitajiet bħala r-rappreżentant awtorizzat f'Malta għal

Isem il-Produttur:

, skont ir-Regolamenti Estiżi dwar ir-Responsabbiltà tal-Produttur (Filtri tat-t=Tabakk li fihom il-Plastik), 2024.

Din il-prokura, iffirmata miż-żewġ partijiet, tibda' fis-seħħ mid-data tal-firma sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, u għandha tiġi fi tmiem ladarba xi waħda mill-partijiet tinforma lill-awtorità kompetenti f'Malta li timmaniġġa r-reġistru nazzjonali li din il-prokura ġiet itterminata.

Min-naħa waħda,
Isem il-Produttur:
Firma:

Data:

Min-naħa l-oħra,
Isem ir-Rappreżentant Awtorizzat:
Firma:

Data:

IT-TIELET SKEDA

(Regolament 7)

## INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI SOTTOMESSA FUQ APPLIKAZZJONI GĦALL-AWTORIZZAZZJONI BIEX TOPERA BĦALA ORGANIZZAZZJONI AWTORIZZATA GĦAR-RESPONSABBILTA' TAL-PRODUTTUR TAĦT DAWN IR-REGOLAMENTI

*Parti A: Informazzjoni li għandha tkun inkluża f'applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjoni għar-responsabbiltà tal-produttur*

- Isem tal-organizzazzjoni għar-responsabbiltà tal-produttur;

- Isem l-operatur u, fejn l-operatur huwa magħmul minn sħubija, l-ismijiet tal-imsieħba kollha;

- L-indirizz u n-numru tat-telefon tal-uffiċju reġistrat tal-operatur jew, jekk mhux kumpanija, il-post prinċipali tan-negozju tal-operatur, u, jekk iktar minn wieħed, tal-operaturi kollha; u

- Dikjarazzjoni ffirmata li l-informazzjoni provduta hija vera.

*Parti B: Informazzjoni li għandha tkun inkluża fil-pjan ta' ħidma għall-operazzjoni ta' organizzazzjoni għar-responsabbiltà tal-produttur*

- Kopja tal-Memorandum u l-Artikoli ta' Assoċjazzjoni;

- Kopja taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni maħruġ mir-Reġistru tal-Kumpaniji, fejn applikabbli;

- Pjan tan-negozju u pjan finanzjarju fir-rigward tal-organizzazzjoni proposta;

- Miżuri ta' Kontroll tal-Kwalità u Assigurazzjoni tal-Kwalità li għandhom jiġu addottati mill-organizzazzjoni proposta;

- Miżuri amministrattivi li għandhom jiġu addottati biex jiġi żgurat il-kontroll effettiv tal-proċess;

- Kopja tar-regoli ta' sħubija tal-organizzazzjoni għar-responsabbiltà tal-produttur;

- Deskrizzjoni tal-modalitajiet ta' kif l-oġġettivi tar-regolament 4 se jiġu mwettqa flimkien ma' dettalji tal-iskruttura tal-miżati tas-sħubija;

- Deskrizzjoni, inklużi l-ammonti proġettati skont il-piż u n-numru ta' oġġetti tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imqiegħda fuq is-suq nazzjonali minn produtturi li jipparteċipaw fl-organizzazzjoni;

- Proposti għal garanzija adegwata hekk kif imsemmija fir-regolament 7(3), intiżi li jkopru l-ispejjeż stabbiliti fis-subregolamenti (6) u (7) tar-regolament 4 f'każ li l-awtorizzazzjoni tiġi revokata jew f'każ ta' terminazzjoni permanenti tal-operat jew insolvenza;

- Proposti għall-kalkolu tal-ispejjeż imsemmija fis-subregolamenti (6) u (7) tar-regolament 4;

- Proposti ta' kif l-informazzjoni msemmija fid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha tiġi kkumpilata u magħmula aċċessibbli għall-Awtorità;

- Kampanji maġsuba ta' għarfien pubbliku li għandhom jiġu ffinanzjati u, jew organizzati mill-organizzazzjoni proposta;

- Data prevista tal-bidu għall-attività;

- Informazzjoni oħra relevanti rikjesta minn dawn ir-regolamenti jew kif rikjesta mill-Awtorità.

IR-RABA' SKEDA

LISTA TA' FIRMATARJI AWTORIZZATI

Għall-finijiet tal-ħruġ u l-iffirmar ta’ dokumentazzjoni uffiċjali inkluż korrispondenza, l-awtorità kompetenti għandha taċċetta biss dokumentazzjoni mingħand produttur jew organizzazzjoni ta’ responsabbiltà tal-produttur awtorizzata li tkun iffirmata mill-persuna li ġejja:-

- Persuna fiżika, jekk il-produttur huwa persuna fiżika;
- Imsieħeb, fejn il-produttur jew organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur awtorizzata tkun sħubija;
- Direttur jew segretarju tal-kumpanija ta’ dik il-kumpanija, fejn il-produttur jew organizzazzjoni ta’ responsabbiltà tal-produttur awtorizzata tkun kumpanija reġistrata f’Malta;
- Persuna li għandha kontroll jew ġestjoni tal-korp, fejn il-produttur jew organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur awtorizzata tkun korp mhux inkorporat;
- Il-president jew kwalunkwe membru ieħor tal-kumitat ta' ġestjoni, fejn il-produttur jew organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur awtorizzata tkun kooperattiva.

## IL-ĦAMES SKEDA

(Regolament 6)

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TKUN INKLUŻA F'APPLIKAZZJONI GĦAR-REĠISTRAZZJONI JEW TIĠDID

*Parti A: Informazzjoni li għandha tiġi sottomessa mar-reġistrazzjoni:*

- Isem u indirizz tal-produttur u fejn:

(i) il-produttur huwa kumpannija, l-uffiċċju reġistrat;

(ii) il-produttur mhuwiex kumpanija, il-post prinċipali tan-negozju.

- Kodiċi ta' identifikazzjoni nazzjonali tal-produttur, inkluż in-numru tat-taxxa nazzjonali u n-numru tal-kumpanija (fejn applikabbli) tal-produttur;

- Il-Kodiċi NACE u d-daqs tal-impjieg tal-kumpanija, fejn applikabbli;

- Id-dettalji tal-persuna ta' kuntatt li lilha l-awtorità kompetenti għandha tindirizza kwalunkwe komunikazzjoni;

- Dettalji dwar in-natura kummerċjali tal-produttur (eż. manifattur, importatur jew bejjiegħ mill-bogħod);

- Tip ta’ prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fl-Iskeda 1;

- Dikjarazzjoni ffirmata li tiddikjara l-informazzjoni pprovduta hija vera;

- Id-data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni;

- Isem l-Organizzazzjoni tar-Responsabbiltà tal-Produttur li l-produttur huwa membru tagħha u kopja tal-ftehim ma' tali Organizzazzjoni.

*Parti B: Informazzjoni li għandha tiġi sottomessa mat-tiġdid*

- Numru ta' reġistrazzjoni tal-produttur u kwalunkwe kodiċi ta' identifikazzjoni nazzjonali tal-produttur, inkluż in-numru tat-taxxa nazzjonali u n-numru tal-kumpanija (fejn applikabbli) tal-produttur;

- Il-Kodiċi NACE u d-daqs tal-impjieg tal-kumpanija, fejn applikabbli;

- Kwantitajiet tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fl-Iskeda 1 imqiegħda fis-suq nazzjonali, skont il-piż u n-numru ta’ oġġetti matul il-perjodu speċifiku ta’ rappurtar skont il-formati ta’ rappurtar li għandhom jiġu stabbiliti mill-awtorità kompetenti;

- Dikjarazzjoni ffirmata li tgħid li l-informazzjoni pprovduta hija vera;

- Id-data tal-applikazzjoni għat-tiġdid tar-reġistrazzjoni; u

- Deskrizzjoni xierqa ta' kif id-dejta ġiet ikkumpilata, inkluża kwalunkwe spjegazzjoni ta' kwalunkwe stimi użati;

- Isem l-Organizzazzjoni ta' Responsabbiltà tal-Produttur li l-produttur huwa membru tagħha u affermazzjoni tal-ftehim ma' tali Organizzazzjoni.

IS-SITT SKEDA

(Regolament 7)

ĦLAS GĦAL ORGANIZZAZZJONI TA' RESPONSABBILTÀ TA' PRODUTTURI AWTORIZZATA

Il-miżata annwali għandha tiġi kkalkulata kif ġej:

A*B = SF

fejn:

"A" huwa n-numru ta' produtturi reġistrati li jipparteċipaw fl-organizzazzjoni tar-responsabbiltà tal-produttur;

"B" hija miżata ta' għaxar euro (€10) li trid titħallas għal kull produttur reġistrat li jipparteċipa fl-organizzazzjoni tar-responsabbiltà tal-produttur;

"SF" hija t-tariffa tal-organizzazzjoni tar-responsabbiltà tal-produttur.

Il-miżata għandha tiġi sottomessa lill-awtorità kompetenti fi żmien sitt (6) xhur wara t-tmiem tas-sena operattiva preċedenti.

IS-SEBA' SKEDA

(Regolament 5)

SKEDA TA' MULTI GĦAN-NUQQAS TA' REĠISTRAZZJONI TIĠDID

- Kull produttur li jonqos milli japplika għar-reġistrazzjoni skont is-subregolament (1) tar-regolament 5 jeħel multa ta' tletin euro (€30) għal kull 15,000 filtru tat-tabakk li jintuża darba u li fih il-plastik imqiegħed fis-suq, mill-ewwel tat-tqegħid fis-suq ta' dawn it-tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss sakemm japplika għar-reġistrazzjoni.

- Kull produttur li jonqos milli jġedded ir-reġistrazzjoni tiegħu sal-aħħar tas-sena skont is-subregolament (2) tar-regolament 5 jeħel multa ta' tletin euro (€30) għal kull 15,000 filtru tat-tabakk li jintuża darba biss u li jkun fih plastik imqiegħed fis-suq, mill-bidu tas-sena li fiha kellu jġedded sakemm japplika għat-tiġdid.

Sakemm fejn l-organizzazzjoni awtorizzata tar-responsabbiltà tal-produttur tkun qablet li tirreġistra jew iġġedded ir-reġistrazzjoni ta' produttur f'ismu, il-multi msemmija hawn fuq għandhom, fi kwalunkwe każ, ikunu dovuti mill-organizzazzjoni awtorizzata tar-responsabbiltà tal-produttur li naqset milli tapplika jew ġġedded.